# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 13 ta' Marzu 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 34 / 17RGM

Kawża fil-lista: 29

**R X**
**vs**
**Dr N A kunjomha xebba H;**
**Dr M A;**
**l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri T A H permezz ta' digriet datat 21 ta' Frar 2017;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi fil-28 ta' Mejju 2014, il-konvenuta Dr N A kunjomha xebba H weldet tarbija ta' sess maskili bl-isem ta' T u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat tat-Twelid li jgib in-nurnru progressiv ta' registrazzjoni 6254/2014;

Illi wara dan it-twelid, il-konvenuti Dr N H u Dr M A izzewgu nhar is-27 ta' Gunju, 2015;

Illi l-attur R X kellu relazzjoni intima mal-konvenuta Dr N A kunjomha xebba H mill-liema relazzioni twieled l-imsemmi minuri T nhar it-28 ta' Mejju, 2014;

Illi sa ricentement, l-attur dejjem kien gie nfurmat mill-konvenuta Dr N A kunjomha xebba H li l-minuri T kien jinsab registrat bhala iben missier mhux maghruf;

Illi ghal xi zmien, kien hemm disgwid bejn l-attur u l-konvenuta, liema disgwid wassal sabiex huma ma baqghux jiltaqaw flimkien. Pero` madwar Frar tas-sena 2016 il-partijiet regghu irrijavicinaw u l-attur beda jqatta` granet shah mal-minuri T u anke beda jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha finanzjarji tieghu;

Illi recentement, ghal darb' ohra reggha inqala dizgwid bejn l-attur u l-konvenuta u min dakinhar huwa beda jigi mcahhad milli jara lil minuri T;

Illi meta l-attur mar jigbor kopja tac-certifikat tat-twelid tal-minuri T, huwa skopra li l-istess minuri gie registrat fuq isem ir-ragel tal-konvenuta u cioe Dr M A;

Illi tenut kont dak kollu hawn fuq premess, jirrizulta car illi l-minuri T A H ma jipprissjedix stat ta' filazzjoni in konformita' ma' l-Att tat-Twelid tieghu;

Illi l-attur permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" u cioe "M A (Pieta Malta)" bil-kliem R X (San Giljan, Malta) u b'hekk l-attur jigi indikat bhala l-missier biologika tal-minuri T A H;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara illi l-minuri T huwa effettivament wild l-attur R X u l-konvenuta Dr N A kunjomha xebba H.

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 6254/2014 tal-minuri T fis-sens illi:

(i) taht il-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier. l-isem 'M A (Pieta`, Malta)' jigi sostitwit bl-isem 'R X (San Giljan, Malta)'.

(ii) kif ukoll, wara li jitnehhew il-konnotati tal-konvenut Dr. M A, jigu mdahhla minflok il-konnotati ta' l-attur fuq l-imsemmi Att fil-parti fejn taqra:

(a) "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija" (R X),
(b) "Professjoni, sengha jew stat iehor" (Direttur),
(c) "eta" (37 sena),

(d) "fejn twieled" (San Giljan, Malta),
(e) "fejn joqghod" (Zurrieq), u
(f) "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" (Francis Xavier X, haj)
(g) "isem u kunjom omm il-missier" (Maria Dolores maghrufa bhala Doris nee' Zammit) u
(h) kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Dr M A li taqra kif gej:-

1. Mill-qari tat-talbiet, huwa indikat illi din l-azzjoni ngabet ai termini tal-Artikolu 77A. Illi din l-azzjoni tista' tingieb minn persuni li tiddikjara illi hija l-missier naturali u li tali minuri kien mwieled fiz-zwieg.

2. Illi mic-certifikat tat-twelid tal-minuri jirrizulta b'mod car illi l-minuri ma twelidx fiz-zwieg u ghalhekk dawn ir-rekwiziti f'dan il-kaz ma jezistux.

3. In oltre, kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid, l-minuri gie addotat mill-esponenti u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax treggi fil-konfront tal-esponenti.

4. Illi lanqas li kieku din il-Qorti ghandha tilqa' t-talba, tali talba seghtet biss tigi mressqa fit-terminu rikjest mill-ligi stante illi l-minuri llum ghandu aktar minn 6 xhur.

5. Illi f'kull kaz u fil-meritu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ghandu jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Dr N A li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament, l-inkompetenza ta' din il-Qorti biex tiddeciedi talbiet attrici dwar l-istat u r-registrazzjoni tal-minuri T A H.

2. Illi minghajr pregudizzju, l-attur m'ghandux legittimazzjoni attiva biex jipprocedi bit-talbiet tiehu f'din il-kawza.

3. Illi f'kull kaz, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda billi l-minuri T A H, huwa legalment iben l-esponent u zewgha l-konvenut Dr. M A, u ma ghandu ebda relazzjoni mal-attur.

4. Illi f’kull kaz ukoll, it-talbiet kollha attrici huma nfondati fil-fatti u fil-ligi u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva, u dan ghaliex ma kinitx preceduta minn ittra ufficjali li tiddikjara li l-attur kien behsiebu japplika ghar-registrazzjoni sabiex ikun jista' jaghraf lil ibnu u dana skont kif inhu rikjest mill-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqan li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi stante s-suespost, f’dan l-istadju l-esponent jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri T A H;

4. Illi bla hsara ghall-premess f’kaz li t-talbiet kif dedotti jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponent ha konjizzjoni tad-dettalji kollha tal-attur li huma elenkati fir-rikors guramentat tieghu, sabiex f’tali kaz dawn id-dettalji jissostitwixxu l-konnotati tal-konvenut Dr M A fl-Att tat-Twelid tal-minuri T A H, liema Att jgib in-numru progressiv 6254 tas-sena 2014;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri T A H a tenur tal-Artikolu 92 (6), tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunlwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2017 fejn Dr. Vincent Galea ghall-attur iddikjara li l-azzjoni attrici ma hix imsejsa fuq l-artikolu 77A tal-Kap. 16 izda hija msejsa fuq l-artikoli 99 u 100 tal-Kap. 16;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju 2017 li bih cahdet it-talba tal-attur fir-rikors tieghu tas-27 ta' Gunju 2017, sabiex tizdied talba ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri bin-numru 2534/2014;

Rat in-nota pprezentata mill-attur fis-27 ta' Lulju 2017 li permezz taghha ceda it-tieni talba fir-Rikors promotur izda zamm ferm l-ewwel talba tieghu.

Rat s-sentenza parzjali taghha moghtija fl-14 ta' Settembru 2017 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Dr. N A;

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2017 semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Dr. N A u ordnat lill-partijiet iressqu provi dwar dwar din l-eccezzjoni;

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Dr. N A;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-attur[1] u mill-konvenuta Dr. N A[2] in linea ta' trattazzjoni dwar l-imsemmija eccezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-digrieti kollha l-ohra taghha;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni fir-risposta guramentata taghha, Dr. N A eccepiet illi l-attur m'ghandux il-legitimazzjoni attiva biex jipprocedi bit-talbiet tieghu f'din il-kawza.

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur ressaq zewg talbiet [1] li jigi dikjarat li l-minuri T huwa l-wild tieghu u tal-konvenuta Dr. N A kunjomha xebba H, u [2] jigi ordnat li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri bin-numru progressiv 6254/2014. Kif inghad, l-attur irtira t-tieni talba tieghu permezz ta' nota pprezentata fis-27 ta' Lulju 2017 u ghalhekk jifdal biex tigi deciza biss l-ewwel talba ghal dikjarazzjoni dwar il-paternita` naturali tal-minuri.

Illi f'din il-kawza l-attur jallega li hu l-missier naturali tal-minuri T A H li twieled fit-28 ta' Mejju 2014 minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta Dr. N A. L-attur

[1] Ipprezentata fit-2 ta' April 2018, a fol. 390 *et seq*.
[2] Ipprezentata fil-21 ta' Marzu 2018, a fol. 384 *et seq*.

iddikjara illi l-azzjoni minnu promossa hija msejsa fuq l-**artikolu 99 u l-artikolu 100 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dawn l-Artikoli jipprovdu kif gej:-

**99.** *L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*

**100.** *It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess.*

**<u>Provi</u>**

*Verzjoni tal-Attur*

L-attur xehed permezz ta' Affidavit kif ukoll viva voice quddiem il-Qorti.

Xehed li kellu relazzjoni mal-konvenuta Dr. N A u f'dan iz-zmien harget tqila. F'xi zmien waqt it-tqala, ir-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet u skont l-attur, il-konvenuta ma informatux li kienet welldet u rregistat fl-att tat-twelid li missier it-tarbija m'huwiex maghruf. Hekk jidher fil-kopja tal-att tat-twelid bin-numru 2534/2014, mahrug fid-29 ta' April 2015, esebit mill-attur[3].

L-attur jixhed illi ghalkemm dak iz-zmien huwa ried jibda l-process biex jirrikonoxxi lill-minuri bhala ibnu, u sahansitra mar ghand l-avukat tieghu biex jirredigi kuntratt ta' rikonoxximent, baqa' ma ssoktax bil-procedura. Jghid ukoll li huwa ma kienx ra lit-tarbija mill-ewwel kif twieldet, izda raha wara li kienu ghaddew ftit xhur.

Ikompli jghid li hu u l-konvenuta Dr. N A kienu regghu bdew jiffrekwentaw lil xulxin regolarment bejn Frar u Novembru 2016 u l-attur jghid li f'dan il-perijodu kienu f'relazzjoni stabbli, kien jara lill-minuri kuljum u gieli kien anke jorqod mieghu. L-attur jissokta jghid li hawnhekk kien ihallas ghal diversi bzonnijiet tal-minuri u tal-konvenuta, oltre l-mizati tal-iskola tal-minuri. Iddikjara fl-Affidavit tieghu li f'dan iz-zmien, il-minuri anke beda jghajjatlu "papa", u l-attur esebixxa diversi ritratti li kellu fit-telefon cellulari tieghu li juru lill-minuri flimkien mieghu kif ukoll mal-konvenuta u t-tfal l-ohra tal-attur, mehudin fl-imsemmi perijodu. Fid-depozizzjoni tieghu l-attur xehed ukoll li mhux l-ewwel darba li l-konvenuta ddikjarat li huwa missier it-tarbija taghha, u esebixxa messagg stampat li jghid li ntbaghat lilu mill-istess konvenuta, fejn hi kkonfermat li huwa l-missier tal-minuri.

[3] Dok. DP2 a fol 204.

Jghid ukoll li wara li r-relazzjoni mal-konvenuta regghet thassret, huwa beda jhallas manteniment ghall-minuri billi jibghat cekk fis-somma ta' €150 fix-xahar lill-konvenuta izda hi ma ssarrafhomx u lanqas hallietu jara lit-tifel. Skond l-attur dawn kienu c-cirkostanzi li wassluh biex fit-22 ta' Dicembru 2016 jiftah l-ewwel kawza (Rikors Numru 297/2016RGM)[4] ghal dikjarazzjoni tal-paternita` tieghu dwar il-minuri.

L-attur ifisser li huwa ma kienx informat li l-konvenuta u zewgha l-konvenut Dr. M A kienu addottaw lill-minuri u dan sar ad insaputa tieghu. Jispjega li minkejja li kienu f'relazzjoni flimkien bejn Frar u Novembru 2016, il-konvenuta qatt ma qaltlu dwar l-adozzjoni tal-minuri minn zewgha Dr. M A. Skont l-attur, huwa jaf li l-minuri gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala bin il-konvenut Dr. M A biss meta kiseb kopja tal-att tat-twelid qabel gie biex jiftah il-kawza tat-22 ta' Dicembru 2016 (297/14), liema kawza giet ceduta fl-24 ta' Jannar 2017. Skont l-attur, huwa ceda l-kawza ghaliex din kienet kondizzjoni li saritlu minn missier Dr. N A biex jista' jkompli jara lil ibnu u biex isiru l-arrangamenti biex l-attur jigi registrat bhala missier il-minuri[5]. Jghid ukoll illi wara li ceda l-kawza ra lil ibnu darba wahda biss u kien ghalhekk li rega' istitwixxa kawza ta' paternita', il-kawza odjerna.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-attur illi kien biss waqt il-mori ta' dik l-ewwel kawza li huwa sar jaf ghall-ewwel darba li l-minuri kien gie addottat mill-konvenut Dr. M A.[6] Wara fetah il-kawza odjerna li hija identika ghal dik li fetah fit-22 ta' Dicembru 2016 biex jigi dikjarat li huwa missier il-minuri T.

*Verzjoni tal-Konvenuta*

Il-konvenuta Dr. N A xehdet in subizzjoni[7] u stqarret li fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri hija kellha relazzjonijiet intimi sew mal-attur R X kif ukoll ma' terzi. Spjegat li llum il-missier legali tal-minuri huwa zewgha Dr. M A u nnegat li l-attur qatt ikkontribwixxa ghall-manteniment tal-minuri. Fissret illi ghalkemm fid-dikjarazzjoni guramentata taghha mar-risposta taghha f'din il-kawza qalet li l-attur qatt ma kellu kuntatt mal-minuri jew wera interess fih, hija riedet tfisser li huwa qatt ma kellu kuntatt mal-minuri minn meta twieled sa sena u nofs wara cirka u f'dan iz-zmien lanqas kien jaf x'jismu t-tfal.

Ikkunsidrat;

---

[4] Dok. DP1 a fol. 181 *et seq*.
[5] Ara messaggi stampati Dok. DP8, senjatament fol. 304 *et seq*.
[6] Ara fol. 129 *et seq*., xhieda tal-attur tat-30 ta' Jannar 2018.
[7] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2017.

Illi wara li t-tieni talba tal-attur giet ceduta fil-mori tal-kawza, l-azzjoni odjerna hija diretta unikament ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni tal-paternita` bijologika tal-minuri li welldet Dr. N A fit-28 ta' Mejju 2014 qabel izzewget lill-konvenut Dr. M A. Il-konvenuta u l-imsemmi konvenut Dr. M A izzewgu fis-27 ta' Gunju 2015 u fl-4 ta' Awwissu 2015 inghata digriet ta' adozzjoni li bih l-istess konvenuti addottaw lill-minuri T bil-konsegwenza illi l-konvenut Dr. M A gie registrat fl-att tat-twelid tal-minuri bhala missieru. Il-konvenuta resqet l-eccezzjoni li l-attur ma ghandux interess guridiku jippromwovi l-azzjoni odjera. Tali eccezzjoni ghandha tigi mistharrga fil-parametri tal-unika talba rimanenti, cioe` d-dikjarazzjoni tal-paternita` tal-minuri.

Il-konvenuta Dr. N A, in sostenn tat-tieni eccezzjoni taghha dwar in-nuqqas ta' legittimazzjoni attiva tal-attur fit-talba ghad-dikjarazzjoni tal-paternita` bijologika tieghu tal-minuri, tfisser li din l-eccezzjoni tinsab imsejsa fuq zewg konsiderazzjonijiet:-

i) L-azzjoni attrici msejsa fuq l-Artikolu 99 u 100 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tista' twassal ghal ebda rizultat utili ghall-attur;

ii) F'kull kaz, jekk l-azzjoni ordjerna hija preordinata ghall-kontestazzjoni fi proceduri ohra dwar il-validita` legali tal-adozzjoni, lanqas din l-azzjoni eventwali ma tista' tirnexxi.

L-attur jiddefendi l-azzjoni tieghu billi jghid li jekk huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tal-minuri, huwa jista' jipprocedi sabiex jitlob korrezzjoni tal-att tat-twelid orginali tal-minuri[8] in kwantu dan indika li missier it-tarbija mhux maghruf, kif ukoll jitlob ir-revoka tad-digriet tal-adozzjoni billi fost ragunijiet ohrajn, ma kienx ta l-kunsens tieghu ghall-adozzjoni.

Ikkunsidrat;

**L-Interess Guridiku**.

Huwa pacifiku illi l-eccezzjoni ta' l-interess guridiku hija eccezzjoni ta' natura perentorja u bhala tali hija sollevabbli f'kull stadju tal-proceduri, anke fl-istadju ta' appell, kif ukoll hija ta' portata tant serju fuq l-ezitu, li tista' tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti[9]. Il-Qorti tirrijafferma l-principju illi biex persuna tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni gudizzjarja, dik il-persuna trid turi li ghandha interess guridiku fl-azzjoni minnha promossa.

[8] Bin-numru 2534/2014.
[9] **Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**, Appell Civili, deciz 19 ta' Mejju 2004.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Henry Tabone vs Hilda Demajo**, deċiża fit-3 ta' Novembru 2004: App. Civ. 655/07 3 "*Dan premess, jibda biex jiġi osservat illi kif paċifikament akkolt fuq it-tagħlim tal-* ***Mattirolo (Diritto Giudiziario, Vol. 1, para 33 et sequitur****) "il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamento minacciato non puo essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l' interesse è la misura delle azioni ed è il motivo che giustifica l' accesso alle aule di giustizia. In altri termini, non basta che ci sia il diritto astratto per aprire l' adito all' esercizio di una azione, ma occorre che ci sia l'interesse come condizione essenziale per poter allegare e dimostrare in tribunale tale diritto" - "****Negte Edgardo Moore -vs- Onor. Joseph Huber nomine****", Appell Ċivili, 25 ta' Mejju 1932 (Kollez. Vol. XXV P I p 506); "Is-sentenza li fiha tista' tgħid jinsab raġġruppat il-konċett kollu in subjecta materia hi dik fl-ismijiet "****Pietro Paolo Borg -vs- Giuseppe Caruana"*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, fit-3 ta' Diċembru 1984. L-estratt segwenti minnha jispjega sew it-tematika: "In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (Vol. XXXVII P II p 608) u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII P I p 507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX P I p 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX P I p 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuz jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII P I p 108; Vol. XXXVII P I p 57; Vol. XXXVII P II p 608). Biex wieħed jipproponi domanda f' ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXVIII P II p 317)*'"

Il-principji li jirradikaw l-interess gurdidiku fl-attur biex jippromwovi u jsostni l-azzjoni minnu esperita, gew elenkati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Dr. Francis Lanfranco et,** li fissret li biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, iridu jigu sodisfatti s-segwenti kriterji:-

*"(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;*

*(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;*

*iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;*

*iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;*

*v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-hajja kollha ta' l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;*

*vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;*

*vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'il quddiem;*

*viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;*

*ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg."*[10]

Gie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Baldacchino vs Bellizzi et**:-

*"... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile'*[11].

[10] Citata wkoll f'**Karina Fenech vs Awtorita` tad-Djar et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 12 ta' Dicembru 2011.
[11] Qorti ta' l-Appell - sentenza tal-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36.II.493)

Inoltre, fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 2010[12], l-istess Qorti osservat illi:-

*"Dan il-principju jintrabat ghalhekk mal-htiega li min jiftah kawza jrid juri li ghandu l-interess li mhux biss jiskaturixxi minn xi disposizzjoni tal-ligi in kwantu dik il-ligi tkun qed tigi invokata, imma wkoll wiehed attwali u dirett".*

Rilevanti wkoll in propositu huwa dak rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Terribile vs Arthur Bajada**[13]:-

*"Issa, l-interess guridiku jrid jissussisti fil-kawza kif proposta u dejjem fil-kuntest tat-talbiet attrici. L-interess guridiku jimporta mhux biss interess personali u attwali fil-mertu imma ukoll interess li jissarraf fi pretensjoni ta' esercizzju ta' dritt kontra l-persuna citata. Ghalhekk mhux kull utilita` guridika tekwivali ghall interess guridiku. (ara App.* ***Attard vs Baldacchino et*** *tal-5/10/2001)."*

Ikkunsidrat;

L-attur jallega illi l-konvenuta Dr N A qarqet bih meta filwaqt li kienet qed tweghdu li ser tasal fi ftehim mieghu dwar il-minuri, ad insaputa tieghu, il-minuri gie adottat mir-ragel li fil-frattemp izzewget il-konvenuta A. Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li hu l-missier bijologiku tal-minuri T. Wara li giet irtirata t-tieni talba attrici l-attur spjega illi jekk it-talba tieghu, l-unika wahda li baqa' quddiem din il-Qorti, tigi akkolta huwa jkun jista' jistitwixxi proceduri ohra sabiex jigi emendat l-att tat-twelid originali tal-minuri u sussegwentement jimpunja d-digriet ta' adozzjoni dwar l-istess minuri.

**Azzjoni b'Talba Dikjaratorja**.

In materja ta' azzjonijiet ghal talbiet dikjaratorji, l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Gordon Mizzi et vs Dr John C. Grech et**, deciza fid-29 ta' April 2008 spjegat li:-

"*...domanda diretta ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni hija ammessa fil-gurisprudenza taghna, basta li l-Qorti tkun sodisfatta li d-domanda in kwistjoni ma tkunx biss domanda ghal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intenzjonata u tista' effettivament tigi segwita b'domanda ohra li tkun esegwibbli. Konsegwenza logika ta' dan hija li meta attur jipprezenta kawza li fiha jitlob merament dikjarazzjoni, huwa necessarju li huwa jizvela lill-Qorti liema huma dawk ir-rimedji li huwa jista' potenzjalment jirrikorri ghalihom, kemm-il darba l-ezitu tal-kawza dikjaratorja ikun favorevoli ghalih, u dan sabiex jissodisfa lill-*

[12] **Anthony Saliba vs Neputnes Bar and Restaurant Company Limited.**
[13] Appell Civili, deciza 30 ta' April 2009.

*Qorti li d-dikjarazzjoni li hu qieghed jitlob mhix wahda merament akkademika.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Illi l-konvenuta ssostni li billi l-attur ma setax fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jipprocedi skont l-Artikolu 77A, huwa kellu jipprocedi skont l-Artikoli 86 u mhux skont l-Artikolu 99 u 100 tal-Kap. Skont il-konvenuta l-azzjoni tal-attur kif imsejsa fuq dawn l-artikoli tal-Kodici Civili, ma jistghu jwasslu ghal ebda rizultat utili u ghalhekk m'ghandux l-interess guridiku neccessarju biex jippromwovi din l-azzjoni.

L-**Artikolu 86 tal-Kap. 16** jipprovdi hekk:-

**86.** *It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

Imbaghad **l-Artikolu 87** ifisser kif ghandu jsir it-taghrif b'iben ta' tifel imnissel jew imwieled barra miz-zwieg, billi jipprovdi illi:-

**87.** *(1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 86 tal-Kap. 16 jipprovdi dwar id-dritt ta' min jippretendi li hu l-genitur ta' wild imwieled barra z-zwieg li jiehu azzjoni sabiex jigi hekk dikjarat u sussegwentement registrat fl-att tat-twelid. Tali azzjoni tipresupponi illi l-wild hu registrat bhala b'missier mhux maghruf.

L-attur pero' ddikjara illi l-azzjoni minnu promossa hija msejsa fuq l-Artikoli 99 u 100 tal-Kap. 16:-

**Art. 99.**

L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.

**Artikolu 100.**

It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>**

Fil-kawza odjerna irrizulta li filwaqt li f'xi zmien wara t-twelid tat-tarbija il-minuri gie registrat bhala b'missier mhux maghruf, l-att tat-twelid tieghu gie emendat meta l-konvenut A izzewweg lill-konvenuta A u sussegwentement adotta lit-tarbija li l-attur jallega li hi ibnu naturali. L-azzjoni attrici hija wahda dikjaratorja, intiza biex tinkiseb dikjarazzjoni li l-minuri huwa wild l-attur. L-attur iqis il-kawza odjerna bhala azzjoni pre-ordinata ghall-azzjoni ohra li fiha behsiebu jattakka digriet ta' adozzjoni li permezz tieghu wild il-konvenuta Dr N A gie adottat minn zewgha Dr M A.

L-eccezzjoni in dizamina qed titlob li l-azzjoni attrici tigi michuda fuq il-pretest li huwa karenti fl-attur l-interess guridiku u legittimu li jikseb dikjarazzjoni li l-minuri huwa l-wild naturali tieghu.

<u>Tenut kont li hawn si tratta ta' azzjoni li inter alia tolqot id-drittijiet ta' minuri, il-materja hija delikatissima u l-Qorti fid-dover li tuza kawtela massima tenut kont is-sensittivita' tas-suggett mertu tal-kawza odjerna. Dak li jigi deciz f'kawzi ta' din ix-xorta jhalli konsegwenzi hafna drabi irriversibbli fuq l-aktar aspetti intimi u personali tal-hajja tal-persuni involuti.</u>

**X'jigri mill-Interess Guridiku fil-Missier Naturali wara l-Adozzjoni.**

Il-konvenuta A ssostni illi l-adozzjoni tal-minuri hija ta' xkiel fil-konfront tal-attur li jressaq talba ta' dikjarazzjoni ta' paternita' fir-rigward tal-minuri adottat. Illi mal-ghoti tad-digriet ta' adozzjoni gie nieqes fl-attur l-interess guridiku li setgha kellu qabel li jadixxi l-Qorti sabiex jigi dikjarat bhala l-missier naturali tal-minuri. Isejjes din il-posizzjoni taghha fuq il-pretest illi mal-ghoti tad-digriet ta' adozzjoni il-parentela bijologika tisfa' fix-xejn ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Il-genituri bijologici jitilfu darba ghall-dejjem sew id-drittijiet lilhom moghtija qua genituri kif ukoll l-obbligi u ghalhekk huwa karenti kwalunkwe interess guridiku li l-genituri bijologici jadixxu l-Qrati dwar l-istess minuri. Tissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha illi "...b'effett tal-adozzjoni l-minuri jitlef il-konnessjoni kollha mal-familja tieghu. B'hekk hadd mill-membri tal-familja tal-persuna adottata ma jibqalu interess guridiku fir-relazzjoni tieghu mal-persuna adottata."[14]

Il-Qorti gharblet fit-tul tali sottomissjoni u qed tikkonkludi illi filwaqt li huwa minnu kif sewwa ssottomettiet il-konvenuta A illi mal-adozzjoni l-minuri jitlef il-konnessjoni kollha mal-familja bijologika tieghu, dikjarazzjoni ta' paternita' pre-ezistenti d-digriet ta' adozzjoni ma tnaqqas xejn mill-effetti legali ta' adozzjoni izda fl-istess hin ma ggibx fix-xejn l-interess guridiku fl-attur illi jigi dikjarat li huwa l-missier bijologiku tal-minuri adottat. Il-Qorti tqis ukoll illi f'cirkostanzi fejn qabel l-adozzjoni il-persuna adottata kellha att tat-twelid li jiddikjara "missier mhux maghruf", jekk il-missier naturali jigi identifikat u dikjarat, tali dikjarazzjoni ghandha beneficcji ghall-istess minuri adottat.

**Dikjarazzjoni ta' Paternita' hi primarjament ta' Beneficcju ghall-Minuri**.

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Ignazio Mifsud vs Suzanne Cachia et"** (Appell Civili nru 15/2004/1) deciza fis-27 ta' Gunju 2008 fejn f'cirkostanzi piu u meno analogi u fejn l-attur kien qed jitlob li jigi dikjarat bhala l-missier naturali ta' minuri adottat gie dikjarat illi:-

"................din il-Qorti, tara li, fid-dawl ta' kif sehhew l-affarijiet, hu mehtieg li hi timxi b'certa kawtela, peress li l-kwistjoni hija wahda delikata min-natura taghha. Tqis, fl-ewwel lok, li sakemm l-attur qed ifittex li jigi dikjarat missier naturali tat-tarbija in kwistjoni, dak il-jedd ghandu jinghata gharfien anke fl-interess tal-minuri. Jekk din, ghada pitghada, tara li trid tkun taf min hu l-veru missier taghha, ghandha jkollha l-mezz biex lil dan tgharrfu u, jekk tkun trid tfittex li tiltaqa' mieghu u tkellmu, ma jkollhiex ostakoli biex taghmel dan. Barra minn dan, jekk, fil-futur, ikollha bzonn xi trapjant ta' organu jew xi sustanza biologika ohra, dan

[14] Fol. 389

biex ikun kompatibbli ma' persunitha, hafna drabi, jrid jittiehed mill-qraba naturali, u ghal dan il-ghan, tajjeb li l-missier naturali jigi registrat. Ghalhekk, din il-Qorti, taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti, li l-fatt ta' l-adozzjoni tal-minuri, m'ghandux ikun ta' xkiel ghal din l-azzjoni hekk limitata ghad-dikjarazzjoni ta' paternita`. Kemm l-attur jista' imur oltre minn dan, wiehed ikun irid jikkunsidra 'l quddiem jekk u meta jinqala' il-kaz."

Rilevanti wkoll l-osservazzjonijiet li ghamlet il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza "**Reginald Bugeja vs Charmaine Calleja u Direttur tar-Registru Pubbliku"** [citaz nru 1257/2002RCP] moghtija fit-30 ta' Gunju 2004 fejn giet trattata l-azzjoni ghall-dikjarazzjoni ta' paternita' wara li t-tarbija giet adottata minn ommha:-

"Illi fil-fatt f'din id-decizjoni odjerna kull ma qed taghmel din il-Qorti hija li thares lejn l-interess tal-minuri, u huwa fl-interess tal-istess minuri li tkun taf min huwa missierha w iktar u iktar li dan jigi rikonoxxut bhala tali, stante li dik hija l-verita' li tirrizulta minn din il-kawza; ........................ Hawn ghandha kaz fejn l-omm tat-tarbija hahdet il-proceduri ta' adozzjoni bl-iskop uniku sabiex legalment toqtol id-drittijiet tal-missier fuq l-istess minuri. ........................... Illi dwar l-interess tat-tarbija jidher li ma hemm l-ebda dubju li l-interess taghha huwa li tigi ndikata bhala bint il-missier naturali taghha u certament li l-istess tarbija ma' ghandhiex tigi mhollija fl-ghama dwar il-vera identita' taghha. Hawn mijiet ta' tfal u kbar li jbatu ghaliex ma' jafux minn kienu l-vera l-genituri taghhom, jew il-missier jew l-omm taghhom; u huwa zgur li l-Qorti ma ghandhiex tintuza minn hadd sabiex l-identita' tal-genitur tigi mohbija."

Inghad ukoll illi "il-legittimazzjoni attiva ghall-azzjoni ta' filjazzjoni ma hijiex regolata bl-art.86 jew b'xi disposizzjoni ohra tal-ligi pozitiva, u ghalhekk ghandha tibqa' regolata bil-principju generali tad-dritt procedurali li jaghti azzjoni full fejn hemm interess guridiku." [Qorti tal-Appell - **Lawrence Bordieri pro et noe vs Anne Marie Aquilina et** - 3 ta' Frar 2012].

Fil-fehma tal-Qorti, il-kejl tal-interess guridiku fl-azzjoni, mehud fil-qafas ta' azzjoni purament dikjaratorja bhal dik odjerna r-rizultat utili li mhux biss lill-attur izda wkoll lill-minuri jista' jikseb bid-dikjarazzjoni mfittxija mill-attur.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur isostni li l-interess guridiku tieghu fit-talba biex jikseb dikjarazzjoni illi huwa l-misseri bijologiku tal-minuri, jinstab fil-konsiderazzjoni li, munit b'din id-dikjarazzjoni gudizzarja huwa jista' jfittex, f'azzjoni separata, il-korrezzjoni tal-att tat-twelid originali tal-minuri biex jigi registrat bhala l-missier naturali kif ukoll ir-revoka tad-digriet tal-adozzjoni tal-4 ta' Awwissu 2015, liema digriet huwa

jghid li nghata minghajr ma ta l-kunsens tieghu ghall-adozzjoni u minghajr ma gie mismugh bhala missier il-minuri.

Rigward il-pretensjoni tal-attur li ghandu interess jikseb dikjarazzjoni li huwa l-missier naturali tal-minuri ghaliex f'kaz ta' ezitu pozittiv ghalih jista' jattakka l-validita` tad-digriet tal-adozzjoni tal-minuri, il-konvenuta tikkontendi li l-attur la jista' jirnexxi u lanqas ma ghandu l-interess guridiku mehtieg biex ifittex ghar-revoka tad-digriet tal-adozzjoni. Issostni li filwaqt li l-kunsens tal-attur m'huwiex dejjem mehtieg f'kull kaz ta' adozzjoni, ghaliex il-Qorti tista' f'certi kazijiet twarrab il-kunsens tal-missier[15], l-attur lanqas jista' jkollu ezitu pozittiv f'azzjoni ghar-revoka tad-digriet stante illi bl-effett tal-adozzjoni l-minuri jitlef kull konnessjoni mal-familja tieghu[16].

Konformament mal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula dak diga` premess, il-Qorti ma thossx li ghandha tezamina s-siwi tal-azzjoni li l-attur bi hsiebu jittenta jekk jikseb dikjarazzjoni f'din l-azzjoni li huwa l-missier tal-minuri. Din il-kwistjoni tezorbita kemm mill-parametri tal-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kif ukoll mill-mertu tal-kawza odjerna. Filwaqt li hawnhekk mhux il-forum li jigi kkunsidrat is-success o meno tal-azzjoni eventwali kontemplata mill-attur ghar-revoka tad-digriet tal-adozzjoni, il-Qorti tirribadixxi li l-prospett ta' ezitu negattiv tal-azzjoni eventwali li l-attur jista' jmexxi 'l quddiem bl-otteniment tad-dikjarazzjoni mfittxija minnu f'din il-kawza ma hux rilevanti ghall-finijiet tad-decizzjoni jekk hemmx fl-attur l-interess guridiku li jippromwovi l-azzjoni odjerna.

Il-Qorti pjuttost tqis li ghall-finijiet ta' azzjoni ta' filjazzjoni, huwa bizzejjed li l-persuna li tippromwovi l-azzjoni turi li <u>ghandha interess li tigi stabbilita l-vera paternita` tal-minuri</u>.

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz tal-lum, m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attur u l-konvenuta kellhom relazzjoni intima fiz-zmien tal-koncepiment tat-tarbija, ghalkemm il-konvenuta ssostni li hija kellha wkoll relazzjonijiet intimi ma' terzi fl-istess zmien. Jirrizulta ppruvat ukoll li fuq medda ta' diversi xhur, meta rega' beda jiffrekwenta lill-konvenuta bejn Frar u Novembru 2016, l-attur kellu relazzjoni mal-minuri u kien jarah ta' spiss hafna, kien jiehu hsiebu kif ukoll jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tieghu.

Jigi pprecizat illi fl-azzjoni odjerna, mhux qed jintalab li l-minuri jinghata stat ta' wild naturali ghaliex it-talba tal-attur ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid giet

[15] Artikolu 115 u 177 tal-Kap. 16.
[16] Art. 121 tal-Kap. 16.

ceduta, izda qed tintalab biss dikjarazzjoni dwar paternita` bijologika li ma tolqotx *ut sic* l-att tat-twelid kif registrat illum bis-sahha tad-digriet tal-adozzjoni.

Il-Qorti tqis li filwaqt li min-naha l-wahda, tifel addottat ghandu dejjem u f'kull kaz il-jedd li jsir jaf min hu missieru naturali[17], m'hemm xejn lanqas li jzomm lill-missier naturali milli jagixxi sabiex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li tistabilixxi r-rabta bijologika tieghu mal-minuri fejn jezistu ragunijiet fondati li jwassluh jemmen li l-istess minuri huwa ibnu, inkluz f'dan il-kaz fejn hemm fis-sehh digriet ta' adozzjoni.

Il-Qorti trid hawnhekk taghmilha cara illi fejn hemm digriet ta' adozzjoni bhal fil-kaz odjern, dikjarazzjoni eventwali li l-attur huwa l-missier naturali ma jnissilx awtomatikament fl-attur is-setgha ta' genitur.

Illi ghalkemm b'effett tad-digriet tal-adozzjoni tal-4 ta' Awwissu 2015 il-minuri gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala iben il-konvenut Dr M A, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur, bhala persuna li tippretendi li huwa l-missier bijolgiku tal-minuri, ghandu interess guridiku dirett u attwali li jippromwovi azzjoni biex jigi dikjarat li huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Kif rajna, l-adozzjoni tal-minuri ma jnaqqas xejn mill-interess tal-missier bijologiku milli jfittex li tigi dikjarata l-vera filjazzjoni tal-minuri qabel gie adottat.

Fil-fehma tal-Qorti, persuna li turi li jezistu cirkostanzi konkreti li jwassluha biex temmen li hija l-genitur naturali tat-tarbija li inghatat ghall-adozzjoni bil-habi tieghu, ghandha l-interess guridiku mehtieg biex tagixxi gudizzjarjament sabiex tigi stabbilita l-filjazzjoni naturali tal-wild, u dan ghaliex m'ghandux jigi nnegat l-interess legittimu li tintwera r-realta` bijolgika tal-ezistenza ta' legami tad-demm bejn il-persuna u l-wild tieghu. Fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana l-Qorti tqis li l-interess guridiku tal-attur li juri r-rabta tad-demm bejnu u bejn il-minuri T huwa interess legittimu li jixraq li jigi tutelat.

Konsegwentement, l-eccezzjoni tal-konvenuta A li l-attur m'ghandux legittimazzjoni attiva biex imexxi b'din l-azzjoni ma hiex fondata u qed tigi respinta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tqis illi fl-attur jissussisti l-interess guridiku mehtieg fit-talba ghal dikjarazzjoni tal-paternita` tal-minuri T A H, u ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Dr. N A u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

---

[17] Ara Iganzio Mifsud vs. Suzanna Cachia, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2008.

Tenut kont il-komplessita' u sa certu punt in-novita' tal-mertu ta' din is-sentenza, il-Qorti tordna li l-ispejjez relatati ma' din id-decizzjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**